KLR 32/VI/2012

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 17 ta' Frar 2012 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

Intqalet it-talba

**1. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2011**

Ġie mistieden jidħol fil-kamra l-Accountant John Buttiġieġ. Tressqu l-*financial statements* għas-sena 2011. Wara li ġew spjegati, dawn ġew approvati skond dokumnet A anness.

**2. Materji oħra**

2.1 Ġie approvat il-kont tal-Perit għax-xogħol li sar fl-ewwel fażi tal-proġett tal-*Housing Estate* taċ-Ċawla. Dan il-proġett hu ffinanzjat mill-awtorita' tad-Djar. L-ewwel fażi ġiet tiswa' €47,104.67.

2.2 Ġie approvat kont ta' Melanie Żammit ta' €350 li jkopri servizz li tat fl-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena.

2.3 Il-membri qablu li l-Kunsill jibgħat sottomissjoni lill-MEPA fejn tintwera l-oġġezzjoni tal-Kunsill għal applikazzjoni PA/00896/11 – *Fuel Station no. 32*, fi Pjazza Savina, - *to renew permission PA 3256/05 – to replace underground fuel tank at existing petrol station.*

2.4 Il-membri ma qablux li jitħallas kont tad-dawl li jkopri l-konsum tal-*fairy lights* ta' Pjazza Indipendenza. Dan minħabba li l-*fairy lights* m'għadhomx jiffunzjonaw.

2.5 Il-membri qablu li jittieħed il-parir tal-Perit rigward ħajt li jinsab f'kantuniera perikoluża fi Triq iċ-Ċangar. Dan sabiex jinbena mill-ġdid peress li jinsab fi stat ħażin ħafna.

Il-laqgħa spiċċat fis-17.00. Laqgħa oħra ser issir fis-6 ta' Marzu 2012.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |